**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Jannar 2023**

Rikors Numru: 545/22 AL

A B

vs

C D

(M.R. Nru- 874/1995)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi r-rikorrenti zzewwget lill-intimat fis-6 ta' Gunju 1995 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li jisimhom E nhar it-12 ta' Dicembru 1995, F nhar it-12 ta' Marzu 2000 u G nhar it-23 ta' Dicembru 2006;

2. Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt pubblikat fl-atti tan-Nutara Dr Annemarie Tonna datat 26 ta' Awwissu 2014 li kopja tieghu qiegħda tigi hawn annessa;

3. Illi l-kontendenti jissodisfaw kwalunkwe kriterju tal-ligi sabiex ir-rikorrenti tottjeni d-divorzju;

4. Illi m'hemm ebda arrettrati tal-manteniment dovuti mill-intimat;

5. Illi m'hemm ebda tama ta'rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

6. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment u tixtieq li hija tottjeni d-divorzju sabiex tkun tista' tkompli b'hajjitha;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

(1) Tiddikjara z-zwieg ta bejn il-partijiet li zzewwgu fis-6 ta' Gunju 1995 mahlul ghall-finijiet kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 66A(1) Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'Malta.

(2) Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat hekk kif titlob il-ligi msemmija.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta’ Novembru 2022;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-qorti jwiegeb li m’ghandu ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Awwissu 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.